MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-7 ta' Awwissu, 2015

Mandat Numru. 1149/2015/1

**Carmelo Abela**

**vs**

**Manwel Carabott**

**Francis Carabott**

RAT ir-rikors ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni biex izomm l-intimati milli jidhol fi jew jahrat xi prodott minn raba maghrufa bhala " Ta Pulejpa" fil-kontrada ta' Hal Tarxien, limiti taz-Zejtun u dan ghas-segwenti ragunijiet;

**"1 Illi l-esponent ghandu titolu ta' qbiela fuq bicca raba li maghrufa bhala "Ta' Pulejpa" fil-kontrada ta' Hal-Tmien, limiti taz-Zejtun.**

**1. Illi din ir-raba hija adjacenti ghal raba ohra li tinsab fil-pussess jew detenzjoni tal-intimati. L-istess intimati ghandhom dritt ta' passagg minn fuq l-art mqabbla lill-esponent, izda dan minn passagg appozitu.**

**2. Illi recentement, l-intimati abbuzivament naqsu ma jutilizzaw dan il-passagg izda minflok acceda direttament ghar-raba' taghhom minn fuq ir-raba mqabbla lill-esponent u hartu il-qamh li kien hemm mizruh f'parti sostanzjali mir-raba mqabbla lill-esponent.**

**3. Illi kontestwalment l-esponent ipprezenta rikors guramentata a tenur ta' l-artikolu 1550 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn qed jitlob lil din il-Qorti:**

a. **Tiddikjara l-agir tal-intimati kif hawn fuq deskritti jikkostitwixxi molestja ta' fatt fit-tgawdija tal-uzu ta' bicca raba li maghrufa bhal "Ta' Pulejpa" fil-kontrada ta' Hal Tmiem, limiti taz-Zejtun, imqabbla lill-esponent.**

b. **Tiddikjara li minhabba dan l-agir l-esponent sofra danni.**

c. **Tillikwida l-ammont ta' danni hekk dikjarat.**

d. **Tordna lill-intimati sabiex jhallsu lill-attur l-ammont hekk likwidat.**

e. **Tordna lill-intimati sabiex jiddeziztu minn dan l-agir.**

**Illi jekk l-intimati ser jibqghu jaccedu u jahartu minn gor-raba' imqabbla lill-esponent huwa ser jigi pregudikat b'telf ta' prodott. Apparti hekk ser ikun kostrett illi ma juzax ir-raba' in kwistjoni sakemm tigi deciza il-kawza imsemmija jekk l-intimati ma jigux mizmuma kif qed jintalab. In effetti l-esponent diga' qieghed jibza' jersaq lejn ir-raba' in kwistjoni ghaliex qed jibza' minn xi konfrontazzjoni mal-intimati."**

Rat id-digriet taghha datat 15 ta' Lulju, 2015 fejn ordnat in-notifika ta' l-istess inibizzjoni mitluba b'dan li l-intimati kellhom ghaxart ijem tax-xoghol ghar-risposta:

Rat li l intimati gew notifikati  b’dan r-rikors fis-16 ta’ Lulju, 2015.

Rat ir-risposta ntavolta mill-intimati Manwel u Francis ahwa Carabott fejn wiegbu;

**“Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li huma nfondati u fid-dritt:**

1. **Illi permezz tal-mandat ta’ inibizzjoni msemmi, l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jikkawtelaw d-drittijiet tieghu u jzomm l-intimati esponenti milli jidhlu fi jew jahartu xi prodott minn bicca raba’ maghrufa bhala “Ta’ Pulejpa” fil-kontrada ta’ Hal-Tmiem, limiti taz-Zejtun, li l-attur ghandu fil-pussess tieghu b’titolu ta’ qbiela;**

2. **Illi l-mandat ta’ inibizzjoni msemmi huwa mitlub a bazi ta’ dritt ta’ passagg li l-attur qieghed jghid li l-intimati jgawdu fuq l-art mqabbla lilu;**

3. **Illi dan il-fatt fih nnifsu huwa ghal kollox infondat u jrendi l-premessi kollha sussegwenti zbaljati fil-fatt;**

4. **Illi l-esponenti jichdu kategorikament illi huma jgawdu minn dritt ta’ passagg minn fuq l-art imqabbla lill-attur u dan stante li huwa l-attur li jgawdi minn dritt ta’ passagg minn fuq l-art appartenenti lill-esponenti;**

5. **Illi kif jidher mill-hawn anness ritratt markat Dok A, l-art appartenenti lill-esponent (Ghalqa A) hija konfinanti ma’ sqaq pubbliku u ghandha access mill-istess sqaq stante li l-istess sqaq jizbokka fiha u ghalhekk m’hemmx ghalfejn igawdu minn ebda dritt ta’ passagg minn fuq propjeta ta’ terzi u b’mod partikulari minn fuq l-art fil-pussess ta’ l-attur.**

6. **Illi minn kif jidher mill-hawn anness ritratt markat Dok. B, hija propju l-art fil-pussess tal-attur (Ghalqa B) li ghandha bzonn access minn fuq il-propjeta` appartenenti lill-esponent stante li l-**

**pozizzjoni taghha ma taghmilhiex possibbli li wiehed jeccedi ghaliha altrimenti.**

7. **Illi konsegwentament ma jaghmel ebda sens dak li qieghed jinghad mill-attur li ricentament l-esponenti (sahansitra abbuzivament) naqsu milli jutilizzaw dan il-passagg izda minflok acceda direttament ghar-raba` taghhom minn fuq ir-raba` mqabbla lill-attur u hartu l-qamh li kien hemm mizruh f'parti sostanzjali mir-raba' mqabbla lill-attur;**

8. **Illi din l-ahhar premessa hija kompletament fiergha u vessatorju stante li kif gia inghad l-esponenti m'ghandhom ebda bzonn jeccedu l-art taghhom minn fuq l-art tal-attur u kien propriju l-attur li b'mod abbuziva harat u zera l-passagg li jghaddi minn fuq il-propjeta` tal-esponenti, liema passagg huwa intiz biss sabiex l-attur ikollu access bir-rigel ghall-ghalqa tieghu.**

9. **Illi l-attur qieghed jippretendi li dan il-passagg ghandu jkun estensjoni mall-ghalqa mqabbla lilu u infatti kull tant zmien b'mod klandestin, vjolentament u abbuzivament iressaq il-gebel li hemm jiddilineja dan il-passagg.**

10. **Illi l-esponenti jichdu bl-aktar mod kategoriku illi hum accedew u hartu r-raba' mqabbla lill-attur u ghalhekk l-allegazzjoni li huwa ser jigi pregudikat b'telf ta' prodott hija kompletament fire3gha u barra minn lokha.**

11. **Illi huma fl-ebda mument u bl-ebda mod ma telfu lill-attur mid-dritt tieghu ta' godiment ghall-propjeta' mqabbla lilu u li qieghed jibza` jersaq lejn ir-raba' in kwistjoni ghaliex huwa qieghed jibza' minn xi konfrontazzjoni mall-esponenti hija biss frott tal-imaginazzjoni fertile tieghu u dan ghaliex anke fil-kazijiet meta kien hemm ragunijiet ghaliex l-esponenti jaghmlu konfrontazzjoni mall-attur stante l-uzu abbuziv tieghu mill-passagg imsemmi, huma naqsu milli jaghmlu dan;**

12. **Illi l-proceduri odjerni hum ntizi biss sabiex l-attur ixekkel lill-esponenti milli jinnegozjaw l-ghalqa taghhom ma' terzi persuni ghax huwa ried jakkwista l-ghalqa appartenenti lill-esponenti;**

13. **Illi fix-xhur passati l-attur anke sahansistra sabiex intimida lill-terzi persuni li kienu nteressati jakkwistaw il-propjeta' tal-esponenti bil-konsegwenza li n-negozju sfaxxa fix-xejn;**

**Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponenti umilment u bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet attrici u dan taht dawk il-kundizzjonijiet u provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni".**

Semghet it-trattazzjonijiet u rat id-dokumenti lilha esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi t-talba hawn avvanzata hija dik mahsuba taht l-artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jistabilixxi b'mod cjar ir-rekwizti necessarji ghal hrug tal-mandat kawtelatorju mitlub ; mela fl-ewwel lok jinhtieg li l-azzjoni jew oggett suggett tal-lanjanza trid tkun wahda li tista tikkaguna pregudizzju, mhux ghal kullhadd, izda ghall-persuna li qed titlob l-att kawtelatorju, marbuta ukoll l-Qorti li ma tohrog ebda mandat mankanti z-zewg rekwisiti Ii jsegwu u cioe; lil mandat huwa wiehed mehtieg biex jithares jedd/jeddijiet tar-rikorrenti u lir-rikorrenti ghandu, prima facie, on the face of it dak il-jedd. Stabbilit dana, huwa ghalhekk necessarju kif premess li huwa minhabba dan il-jedd, li jkun se jbati pregudizzju jekk il-mandat mitlub mhux milqugh.

Mela l-elementi li jinhtieg jigu stabbiliti hawn huma tlieta, il-jedd li ghandu bzonn jithares, li prima facie hemm dak il-jedd u l-pregudizzju li jista jigi soffert.

Semghet il-Qorti it-trattazzjonijiet u rat id-dokumenti lilha prodotti.

Ikkunsidrat;

Illi mir-rikors innifsu ir-risposta u t-trattazzjonijiet johrog ben car illi hawn si tratta dwar molestja fil-godiment ta' qbiela skont ir-rikorrenti u minn naha l-ohra f'abbuz fir-rigward ta' servitu fuq propjeta ta' l-intimati. Dan li qed jigi allegat mill-partijiet rispettivi. Jirrizulta li m'hemmx qbil dwar minn fil-verita ghandu t-titolu, hu x'inhu fuq l-ghalqa A u l-passagg maqtugh u delineat b'sensiela ta' gebel, li skont l-intimati huwa koncess bhala servitu ta' passagg minn fuq il-propjeta assoluta taghhom, u li skont ir-rikorrenti jippretendi li jgawdi fuqha qbiela ghal dan l-ahhar hmistax il-sena, xejn inqas!. Anzi r-rikorrenti minn naha tieghu jissugerixxi passagg iehor alternattiv li skontu minnu jghaddu l-intimati ghal ghalqa taghhom li skontu hija dik li allura tidher fuq il-wara ta' ghalqa A, skont dejjem kif immarkata fuq ir-ritratti esebiti (1,2 u 3).

Illi jirrizulta ghalhekk illi z-zewg tezijiet presentati lil din il-Qorti huma kompletament u diametrikament opposti ghal xulxin, frankament qiesu din il-Qorti qed titratta zewg vertenzi diversi, dan nonostante li dritt assolut ta' propjeta, hawn imsejjha bhala ghalqa A, ma jeskludi qatt qbiela fuq l-istess!. Maghdud dak kollu mressaq quddiem din il-Qorti, hija tista tifhem illi ir-rikorrenti jista jsoffri xi pregudizzju f'telf ta' prodott agrikolu jekk ma jithalliex jizra l-ghalqa n kwistjoni. Tista anke tifhem il-jedd minnu pretiz, pero ma thoss illi gie sal grad tal-prima facie ppruvat lilha talli jedd. Dan il-Qorti qeghda tghidu fl-isfond ferm ristrett li ghandu jigi analizzat dritt kawtelatorju, dana gialdarba kif gie prezentat lilha l-kaz tant wiehed oppost ghal iehor, terga tghid din il-Qorti qishom qed jigi dibattuti zewg passaggi diversi, zewg ghelieqi diversi, li ma tistax jkollha l-konfort li wassluha ghal tali grad. Dana ovvjament bla pregudizzju ghal analizi li jrid ssir aktar approfondit fi stadju ulterjuri.

Ghaldaqstant din il-Qorti, gialadarba tqis li ma ntlahaqx il-grad ta' prima facie necessarju, allura mhux sodisfatti r-rekwisiti li trid il-ligi u qeghda tichad it-talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni

In vista ta' dak premess kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------